**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 275/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Wasim Hamad Nayif Abdelbagi**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Wasim Hamad Nayif Abdelbagi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 607112L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' 10:00hrs ġewwa Triq il-Wied, Birkirkara, saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HSM 111:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan;
2. Uza, ġiegħel jew ħalla persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, għal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-oħra mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
3. Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, dawwar lura fid-direzzjoni opposta fl-istess triq (U-Turn).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Ġunju 2023, fejn wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu jħallas multa fl-ammont totali ta' €2,800. Fuq talba tal-imputat, il-Qorti ordnat li l-multa tkun

pagabbli fi tmienja u għoxrin (28) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art. 14(2)). B'zieda mal-piena, il-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlettax-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant, Wasim Hamad Nayif Abdelbagi, ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata l-1 ta' Frar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-appellant jeċċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u ċioe' għar-reat imfassal fl-artikolu 15(1)(a) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta meta kien mixli li saq vettura mingħajr ma kellha liċenzja tas-sewqan valida.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali odjerni jirriżulta li l-allegat reat addebitat lill-appellant seħħ nhar il-5 ta' Marzu tas-sena 2022. Jirrizulta ukoll mir-riferta ezebita in atti li l-appellant ġie notifikat, b'mod pożittiv, bis-smiegħ tal-kawża nhar l-1 ta' Ġunju 2022, meta allura lanqas kienu għadhom iddekorrew tlett xhur mill-allegat kummissjoni tar-reat. Illi allura anke jekk il-Qorti kellha tqies il-perijodu ta' preskrizzjoni għal dawk ir-reati li l-piena tagħhom hija inqas minn sena, fit-termini ta'l-artikolu 668(e) tal-Kodiċi Kriminali, li mhux il-każ billi l-piena hija dik sa massimu ta' sena, l-perijodu ta' preskrizzjoni huwa ta' sentejn sabiex b'hekk huwa evidenti illi l-azzjoni penali mhijiex perenta.

Jikkontendi l-appellant ukoll fl-ewwel aggravju illi l-fatti inkriminatorji allegatament kommessi mill-appellant kienu jduru madwar il-fatt illi huwa naqas milli jġedded il-liċenzja tas-sewqan u mhux li ma kellux liċenzja tas-sewqan.

Illi, mill-*affidavit* ta' Kenneth Pace, in rappreżentanza ta' *Transport Malta*, jirriżultaw is-segwenti fatti:

> **"Minn riċerka li għamilt fir-rekords tal-Awtorita', jirrizulta li Wasim Hamad Nayif Abdelbagi, K.I. 607112L, kellu l-liċenzja proviżorja tas-sewqan revokata minħabba akkumulazzjoni ta' punti fit-30 ta' Lulju 2019. Għandna rekords li din l-ittra nġabret mir-riċivitur (ara Dok. T.M. 1 – pg 1 of 2 u pg 2 of 2).**
>
> **Fl-14 t'Awwissu 2019, il-liċenzja tas-sewqan ġiet irritornata lill-Transport Malta. (ara Dok. T.M. 2).**
>
> **Fl-4 ta' Ottubru 2022, Wasim Hamad Nayif Abdelbagi applika għall-permess tas-sewqan (ara Dok. T.M. 3).**
>
> **Sat-18 t'Ottubru 2022, Wasim Hamad Nayif Abdelbagi għadu m'għandux applikazzjoni biex jagħmel eżami prattiku tal-karozza."**

Jikkonsegwi għalhekk illi l-appellant lanqas hawn ma għandu raġun billi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kienet ilha li ġiet revokata sa mis-sena 2019 sabiex b'hekk meta nhar il-5 ta' Marzu 2022, huwa kien imwaqqaf mill-Pulizija, ma kellux liċenzja tas-sewqan. Tant hu hekk illi r-regolament 36E tal-Leġislazzjoni sussidjarja 65.18 jistipula illi meta l-liċenzja tas-sewqan tkun ġiet revokata minħabba akkumulazzjoni ta' punti għandha issir applikazzjoni mill-ġdid għal tali liċenzja u kwindi ma jistax jingħad illi l-infrazzjoni tal-liġi kommessa mill-appellant kienet illi naqas milli jġedded il-liċenzja li kellu billi din ma baqgħetx waħda valida stante l-punti penali li akkumulaw fuqha, tant illi kellu jerġa' jagħmel l-eżami prattiku kif jixhed l-affidavit ta' Kenneth Pace. Imbagħad fix-xiehda tiegħu l-appellant jippreżenta liċenzja tas-sewqan li daħħlet fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2022 u għalhekk ferm wara id-data meta seħħet l-infrazzjoni tal-liġi. Kwindi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jisħaq li ma nġiebet ebda prova li l-vettura ma kenitx assigurata kontra r-riskji għal terzi u għalhekk huwa ma setgħax jinstab ħati

tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, u ċioe' li kien qed isuq vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni.

Illi, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, jaqra:–

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi, pero' il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u dan meta fis-sub-artikoli (1A) u (1B) hemm hekk dispost:–

> **(1A) <u>Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).</u> <u>(enfazi ta' dina l-Qorti)</u>**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi illi:

> **"Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu."**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm maħruġ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 ċertifikat ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur tiegħu</u>**.

Illi, f'dawn il-proċeduri, l-appellant ma pproduċa l-ebda ċertifikat jew polza ta' assigurazzjoni jew dettalji dwar l-istess sabiex jegħleb il-presunzjoni tal-liġi mfassla fl-artikolu 3(1A) tal-Kap.104, hawn fuq iċċitat. Jirriżulta biss mill-affidavit ta' PC479 F.A. Portelli illi meta mitkellem mill-pulizija l-appellant ippreżenta ċertifikat ta'l-assigurazzjoni li kien igħajjat lil ċertu Hacem Alstif, liema ċertifikat, iżda qatt ma kien ippreżentat fl-atti. Inoltre għalkemm dan Alstif, kien inġunt mill-Prosekuzzjoni biex jixhed, madanakollu eżerċita il-jedd tiegħu għas-silenzju billi kien hemm proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu fuq l-istess każ. L-appellant fix-xiehda tiegħu fil-qorti ma jsemmi xejn dwar xi polza ta' assigurazzjoni.

Illi d-difensur tal-appellant jargumenta xortawaħda illi, fir-rigward tar-reat imfassal fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa biżżejjed li jkun hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni li jkopri il-vettura, u ma hemmx għalfejn li dik il-polza tkun tkopri is-sewqan tal-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat. Jakkampa favur it-teżi tiegħu ir-regolamenti mfassla fid-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà.

Illi l-preambolu 3 għad-Direttiva ifassal l-għan warajha meta jingħad;

> **Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-<u>responsabbiltà ċivili</u> fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu hi koperta b'assigurazzjoni. Il-limitu tar-responsabbiltà koperta u t-termini u l-kondizzjonijiet ta' din il-kopertura għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' dawk il-miżuri.**

Illi kuntrarjament għall-argument akkampat mid-difiża l-miżuri ewropew ifittxu sabiex jassiguraw illi l-użu tal-vetturi jkun kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni u mhux il-vettura innifisha. L-artikolu 3 għalkemm intestat dwar l-'assigurazzjoni obbligatorja għall-vettura', madanakollu jiddisponi illi:

> **Kull Stat Membru għandu, soġġett għall-Artikolu 5, jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-<u>użu ta' vetturi</u> normalment ibbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta minn assigurazzjoni.**

Illi huwa evidenti illi d-direttiva titkellem fl-ewwel lok fuq responsabbiltajiet ċivili u mhux penali, u ukoll illi din tirreferi għall-użu ta' vettura u mhux għall-vettura innifisha. Illi anke l-artikolu 13, li jagħmel referenza għaliha l-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, liema artikolu jipprojbixxi deroga mill-applikabbilita' ta'l-artikolu 3 hawn fuq iċċitat fil-każijiet fejn per eżempju is-sewwieq ma jkollux liċenzja tas-sewqan, din tirreferi esklussivament għall-obbligi ċivili tas-soċjetajiet ta'l-assigurazzjoni li meta jkun hemm polza fuq saqajha it-terz danneġġjat għandu jkun dejjem indennizzat għal kwalunkwe ħsara minnu sofferta. Ma jirreferiex għar-responsabbilta' penali ta' min jintenta isuq vettura meta ma jkollux liċenzja tas-sewqan jew polza tal-assigurazzjoni li tkopri is-sewqan tiegħu. Li kieku kien hekk allura il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali jkunu qed jagħtu *carte blanche* lil kull min jidhirlu illi għalkemm ma għandux liċenzja tas-sewqan u/jew polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa f'ismu jew inkella li tindikah bħala *authorised driver*, jista' xortawaħda isuq vettura li jkollha polza ta'l-assigurazzjoni fuq saqajha, iżda li ma tkunx tkoprieh. Tant hu hekk illi d-direttiva finalment tħalli f'idejn l-Istati Membri jilleġislaw dawk il-liġijiet li jidhrilhom meħtieġa sabiex ikun żgurat l-applikazzjoni tagħha:

> **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pieni għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma jadottaw fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw l-applikazzjoni tagħhom. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi.**

Illi finalment r-regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja jistipola illi t-tiġdid jew l-applikazzjoni għal liċenza għal vettura mal-awtorita' konċernata tista' ssir unikament jekk l-persuna li tkun qed tapplika għal liċenza turi illi tkun fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni f'isimha dwar l-użu minnha ta' dik il-vettura.

> **Kull persuna li tapplika għal liċenza jew biex tiġġedded liċenza għal vettura bil-mutur għandha tipproduċi lill-Kummissarju cover note jew ċertifikat ta' sigurtà li juri illi fid-data meta l-liċenza tibda tgħodd tkun qiegħda <u>sseħħ polza dwar il-persuna li tkun qiegħda tuża l-vettura bil-mutur</u> minn min japplika jew minn persuni oħra bl-ordni jew bil-permess tagħha, u din il-cover note jew ċertifikat jikkostitwixxi għall-finijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Ordinanza prova illi fid-data meta l-liċenza jew it-tiġdid jibda jgħodd ikun hemm isseħħ il-polza meħtieġa.**

Bl-artikolu 7 tal-Att imbagħad jiddisponi illi:

**Il-persuna li titlob liċenza jew it-tiġdid ta' liċenza għal vettura bil-mutur għandha ġġib prova kif jiġi stabbilit illi jew-**

**(a) li fid-data meta l-liċenza jibda jkollha effett tkun isseħħ il-polza ta' assigurazzjoni meħtieġa għall-<u>użu tal-vettura mir-rikorrent jew minn persuni oħrajn b'ordni tiegħu</u> jew bil-permess tiegħu; inkella**

**(b) li l-vettura hija waħda li għaliha jgħodd l-artikolu 3(4).**

Illi l-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet unikament sabiex twieġeb għall-argument ta' dritt imqajjem mid-difiża u dan għaliex kif ingħad huwa ippruvat li l-appellant la kellu liċenzja tas-sewqan fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni u lanqas irnexxielux jegħleb il-presunzjoni stabbilita fil-liġi illi s-sewqan tiegħu kien kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni sabiex ir-responsabbilta' penali tiegħu hija indubitata.

In vista tal-motivi kollha suesposti, anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment, l-appellant jeċċepixxi ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward l-aħħar akkuża dedotta kontrih u ċioe' li huwa għamel *U-Turn* kontra s-sinjali tat-traffiku. Huwa jisħaq li dina l-imputazzjoni hija waħda kontravenzjonali u għalhekk hija preskritta.

Illi l-imputazzjoni in dizamina hija dik misjuba fl-Iskeda għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, Taqsima II A(b), li hija ta' natura kontravvenzjonali u għaldaqstant iġġorr magħha perijodu ta' preskrizzjoni ta' tlett xhur, iżda kif ingħad l-appellant kien notifikat biċ-ċitazzjoni qabel l-iskadenza ta' tlett xhur mid-data meta allegatament kienet kommessa din l-infrazzjoni u ċioe' nhar l-1 ta' Ġunju 2022. Għaldaqstant, it-terminu perentorju ta' tlett xhur stabbilit mill-liġi kien għadu qed jiddekorri. Għalhekk anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**